**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2024**

**<u>Rikors guramentat nru : 62 /2024 AGV</u>**

**ABM**

*kontra*

**DBM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors ta' DBM datat 19 ta' Gunju 2024;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti qieghda tipprezenta dan ir-rikors sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha, in ottemporanza mad-digriet taì din l-Onorabbli Qorti tal-11 taì Gunju 2024;
2. Illi r-rikorrenti giet innotifikata bir-rikors guramentat tal-attur nhar it-18 taì April 2024, meta dan thalla mal-bint minuri tal-partijiet;
3. Illi malli r-rikorrenti saret taf bir-rikors, ikkuntattjat lill-avukat taghha immedjatament, u dan kif jidher mill-*iscreenshots* tal-konversazzjoni fuq *WhatsApp* bejn ir-rikorrenti u l-avukat taghha, fid-dokument mehmuz u mmarkat bhala DOK DM15;
4. Illi saru numru taì laqghat bejn ir-rikorrenti u l-avukat taghha bi preparazzjoni ghar-risposta tar-rikorrenti ghall-allegazzjonijiet imressqa mill-attur li fil-maggior parti taghhom huma inveritieri, waqt liem laqghat ir-rikorrenti dejjem ghamlitha cara li kien bihsiebha tikkontesta t-talbiet kollha tal-attur u taghmel il-kontro-talbiet taghha, u ghal dan il-ghan ghaddiet l-informazzjoni kollha necessarja kif ukoll numru sostanzjali taì provi biex issostni r-risposta u kontro-talba taghha lill-avukat taghha;
5. Illi r-rikorrenti attendiet assistita ghall-ewwel seduta mizmuma fid-9 taì Mejju 2024 ippreparata biex tippartecipa bìmod shih fil-kawza;
6. Illi l-verbal tas-seduta jaqra î*Peress li ghadu ghaddej it-terminu tar-<u>risposta guramenta</u>, kawza differita 11 ta' Gunju 2024, fl-10:00am ghar-<u>risposta</u>*ï (emfasi mizjuda);
7. Illi sfortunatament l-avukat tar-rikorrenti zvijat ruhha bìdan il-verbal billi irrelatat iz-zewg frazijiet tal-verbal flimkien, u interpretat il-verbal bhala li jfisser li r-risposta kellha tigi pprezentata sas-seduta tal-11 taìGunju 2024 ó decizjoni li kienet responsabbilt, unika tal-avukat u certament ma tahtix ghaiha r-rikorrenti;

8. Illi r-risposta guramentata tar-rikorrenti gietipprezentata fil-15 taì Mejju 2024;
9. Illi ghalhekk dan kien zball da parti tal-avukat tar-rikorrenti u ghalhekk zgur ma kienx l-agir kolpuz tar-rikorrenti li wassal ghac-cirkostanzi tal-kontumacja;
10. Illi r-rikorrenti ghandha kull interess li tippronunzja ruhha u tikkawtela d-drittijiet taghha sabiex ma jkunx hemm limitazzjonijiet ghall-gustizzja minhabba zbilanc fil-provi;
11. Illi inoltre ir-risposta giet ipprezentata sahansitra qabel is-seduta tal-11 taìGunju, fi stadju bikri tal-kawza meta ghad lanqas biss bdew jitressqu provi min-naha tal-attur u ghalhekk dan mìhu se jbati l-ebda pregudizzju jekk tintlaq, t-talba tar-rikorrenti[1];
12. Illi fìmaterja simili dwar nuqqas taì avukat, fis-sentenza **Robert Bondin Carter v Frank Zahra**[2], il-PrimìAwla tal-Qorti civili laqghet it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja wara li kkunsidrat li l-izball kien wiehed tal-avukat u mhux traskuragni ingustifikabbi da parti tal-intimat, u kellha hekk xi tghid:

> "F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-Gurisprudenza nostrana, "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*" (**Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996).

[1] **Brian Galea et v Adam Cilia et**, 165/2018, deċiża it-8 ta' Mejju 2019
[2] 716/2016/LSO, deċiża l-24 ta' Jannar 2017

Illi fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li kien hemm din il-*culpa* jew in-negligenza da parti tal-intimat *stante* li hu ressaq l-atti li kien rcieva lill-avukat tieghu fiz-zmien msemmi mil-ligi. Ma jirrzultax li l-intimat qaghad jitrattjeni jew illi naqas li jikkomunika mal-avukat. L-intimat intebah li rcieva xi haga serja u mhux tas-soltu li tirrikjedi li jmur biha ghand l-avukat, u fil-fatt hekk jirrizulta li ghamel. Il-Qorti tissenjala li r-rikors gie pprezentat skont il-procedura specjali sommarja stabbilita bl-artikolu 167 *et. sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mar-rikors kien hemm diversi dokumenti annessi u d-digriet taghha stess fejn cahdet it-talba ghas-smigh sommarju ghar - ragunijiet hemm dedotti.

Illi jirrizulta li lanqas l-avukat ma ntnebah b'dan id-digriet, *multo magis*, bniedem li mhux tekniku. Ghalhekk, hi tal-fehma li l-izball tekniku jidher car li sar mill-avukat.

F'dan ir-rigward, il-Qrati Taghna gharfu bejn dawk il-kazijiet fejn l-imgieba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex il-kaz jaqa' kontumaci. (Ara **Dr. Christopher Muscat vs Raymond Bugeja noe**. P.A. (RCP) deciza fis-16 ta' Marzu 1999, u **Waldonet Ltd. vs David Thake** P.A. (JRM) deciza fit-3 ta' April 2003). Ghalhekk, hawnhekk, ta' min isemmi dak ribadit fil-kaz, **Golden Gate Limited vs Meliton Group Ltd**. P.A. (RCP) deciza fis-6 ta' Mejju 1999, "*……ghall -izball ta' terz m'ghandux jigi pregudikat il-konvenut li jiddefendi l-kawza tieghu, u dan anke fid-dawl tal-pricipju 'audi alteram partem'*".

Jirrizulta li l-intimat meta gie servut bl-att tac-citazzjoni, ikkomunika direttament mal-avukat tieghu. Ghalhekk, ma

tirrizultax negligenza jew mankanza ta' azzjoni da parti tieghu, fis-sens li ma baqax passiv ghall-ahhar. Ma tirrizulta l-ebda inkoerenza fid-deposizzjoni tieghu dwar dan. *Di piu*, jirrizulta li hu ghamel kif qallu l-avukat tieghu, li deher l-Qorti, fl-1 ta' Novembru 2016 u kien prezenti fl-Awla. Ghalkemm, mhuwiex sufficjenti li l-intimat ikun prezenti fl-Awla biss peress li hu essenzjali r-rekwizit l-iehor li jirrispondi formalment bin-nota tal-ecezzjonijiet tieghu, izda l-kontumacja trid titqies minn zewg aspetti, dak formali u dak sostanzjali (u cioè l-assenza mill-udjenza tal-Qorti). (Ara **Costantino Abela vs George Azzopardi**, Appell Civili deciz fit-28 ta' Mejju 1990; u **Ian Zahra vs Charles Demicoli et**, P.A. deciza fit-23 ta' Mejju 2000)."

Ikkonsidrati r-rizultanzi tal-fatturi fil-kaz in ezami, illi l-intimat ikkuntattja lill-avukat tieghu immedjatament, malli rcieva l-atti tac-citazzjoni, izda in segwitu l-avukat difensur tieghu, qallu li l-pass li jmiss kien li jidhru l-Qorti peress li bi zvista ma rax id-digriet tal-Qorti, u ghalhekk dan l-izball tal-avukat ta lok ghall-kontumacja. Illi jidher mill-fatti tal-kaz, li dan kien zball tekniku tal-avukat. Illi huwa ovvju li l-klijent jigi ggwidat mill-avukat rigwardanti l-procedura."

13. Illi fil-kawza, **Ian Zahra vs Charles Demicoli et** (deciza fit-23 taì Mejju 2000), il-PrimìAwla tal-Qorti civili irriteniet illi jekk il-konvenut ma kellux intenzjoni jinjora l-proceduri tal-Qorti, u ma kienx tort tal-konvenut li ma gietx npprezentata risposta fil-hin stipulat mil-ligi, in konsiderazzjoni tal-principji tal-gustizzja, l-istess konvenut ghandu jinghata l-fakult,` li jiddefendi l-kawza tieghu . Fìdan l-istess kaz gie ribadit li fikazijiet simili, l-konvenut mìghandux ibati konsegwenzi ghall-izball tal-istess difensur

tieghu , in kwantu jigi meqjus ukoll jekk il-konvenut ikunx deher quddiem il-Qorti, peress li l-kontumacja trid tkun formali kif ukoll sostanzjali, billi l-konvenut irid ikun assenti kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.

14.Illi il-PrimìAwla tal-Qorti civili kellha l-okkazzjoni fidiversi sentenzi apparti **Ian Zahra v Charles Demicoli et**, bhal **Grima Marco v Grima Rita**[3], u **Waldonet Limited v Thake David**[4], fejn sostniet li î *kull nuqqas li setaì sar mid-difensuri tal-istess konvenut mìghandux jimpedixxi lill-istess konvenut milli jigi moghti l-opportunit, li jiddefendi l-kawza li saret kontrihï*. Tal-istess hsieb kienet id-decizjoni fil-kawza, **Victoria Tabone et v Daniel Orsini**[5];

15.Illi fil-kawza **Annie Caruana et v Grace Sammut et**[6], ma irrizultax li kien hemm negligenza da parti tal-intimati stante li huma ressqu l-atti li kienu rcevew lill-avukat taghhom malli rcevewhom u ma qaghdux jitrattjenu jew naqsu milli jikkomunikaw mal-avukat. Il-Qorti ikkonsidrat ukoll li l-intimati indunaw li rcevew xi haga serja, tant li rreferew il-karti kollha li rcevew lill-avukati minghajr dewmien. Ghal darbìohra il-Qorti ikkunsidrat li kien l-izball tal-avukat li ta lok ghall-kontumacja u laqghet it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja wara li tenniet illi:

> "*In vista* tal-principju fondamentali *audi alteram parte* il-Qorti ghandha l-obbligu li ladarba jidher il-konvenut quddiem il-Qorti, tara jekk ghandux ragunijiet gusti sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, u dan fid-dawl ta' dak provdut fl-artikolu 158 (10) tal-Kap 12, fejn il-konvenut ikun kontumaci jekk ma jipprovax a sodisfazzjon tal-Qorti raguni tajba li jkun naqas li jipprezenta risposta.

---

[3] 1135/2002, deċiża fis-17 ta' Ġunju 2003
[4] 1218/2001, deċiża fit-03 ta' April 2003
[5] 624/2016/LSO, deċiża fl-4 ta' Lulju 2017
[6] 600/2016/LSO, deċiża il-31 ta' Jannar 2017

Jirrizulta li l-intimati meta gew servuti bl-att tac-citazzjoni, ikkomunikaw direttament mal-avukat taghhom. Ghalhekk, ma tirrizultax negligenza jew mankanza ta' azzjoni da parti taghhom, fis-sens li ma baqghux passivi. *Di piu`*, jirrizulta li huma ghamlu kif qalilhom l-avukat taghhom, li dehru l-Qorti, fejn fit-18 ta' Ottubru 2016 huma kienu prezenti fl-Awla. Ghalkemm, mhuwiex sufficjenti li l-intimat ikun prezenti fl-Awla biss peress li hu essenzjali r-rekwizit l-iehor li jirrispondi formalment bin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, izda l-kontumacja trid titqies minn zewg aspetti, dak formali u dak sostanzjali (u cioè l-assenza mill-udjenza tal-Qorti)."

16. Il-kawza **Waldonet Limited v David Thake** dahlet pjuttost fid-dettal fidin il-materja, fejn gie spjegat illi:

"Illi fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumazja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata[7];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' persuna mharka hija gustifikata ,u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qed tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-

[7] P.A. 4.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet **Vella pro et noe vs Ellul** (Kollez.Vol: LXXV.ii.729)

kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-citazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

...

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha[8];

Illi, minbarra dan u bil-hsieb li tingharaf ahjar il-kontumacja li tisfida lill-awtorità tal-Qorti minn dik imgarrba minn cirkostanzi validi, xi decizjonijiet ta' dawn l-ahhar zminijiet sehqu li biex tissussisti l-kontumacja tal-ewwel ghamla din trid tkun kemm fl-atti tal-kawza u kif ukoll fl-udjenza[9], imfissra din fis-sens shih tal-kelma[10];

Illi peress li f'bicca mir-rikors tal-imharrek tissemma n-nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-istess imharrek u l-avukat tieghu, tidhol fis-sehh konsiderazzjoni ohra, jigifieri dik li tirrigwarda l-kontumacja mahluqa minhabba l-imgieba jew l-operat ta' terza persuna. F'dan ir-rigward, il-Qrati taghna gharfu bejn dawk il-kazijiet fejn l-imgieba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mharrka wasslet biex din taqa' kontumaci[11] (f'liema kaz il-Qorti normalment tippermetti li l-imharrek jithalla jikkontesta l-kawza) minn dawk fejn il-parti

[8] P.A.: 9.12.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195)
[9] App. Ċiv. 28.5.1990 fil-kawża fl-ismijiet **Abela vs Azzopardi** (Kollez. Vol: LXXIV.ii.337)
[10] App. Ċiv. 14.1.1993 fil-kawża fl-ismijiet **Grech vs Żammit** (Kollez. Vol: LXXVII.i.170)
[11] P.A.RCP 16.3.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Christopher Muscat vs Raymond Buġeja noe**

mharrka ma tersaqx ghand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-ahhar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma thallix iz-zmien ghat-tressiq ta' Nota tal-eccezzjonijiet jghaddi ghal xejn[12];

Illi minbarra dan, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun;"

17. Illi ir-rikorrenti taghmel ukoll referenza ghall-kawza ricenti, **Martin Borg Nicholas Virtu v Calamatta Cuschieri Investments Services Ltd**[13] fejn il-Primì Awla tal-Qorti civili tenniet illi:

"Peress li l-kontumacja ghandha effetti delibitanti notevoli fuq min mill-partijiet jissokkombi ghaliha, jehtieg illi l-provvedimenti legali regolanti jigu interpretati b'tali mod illi fejn hemm dubju dan ghandu jmur favur il-parti li titlob l-gharfien tal-Qorti illi l-kontumacja kienet gustifikata b'mod li l-parti tithalla taghmel il-kaz taghha sew fir-rispett tal-principju "*audi alteram partem*" kif ukoll fir-rispett tal-principju daqstant iehor sinifikattiv tal- "*equality of arms*"."

18. Illi ir-rikorrenti, li qatt ma xxellfet mal-ligi jew Qrati, zgur ma kellha ebda intenzjoni li turi disprezz lejn din l-Onorabbli Qorti, u ghamlet kull ma kien fil-kontroll taghha sabiex tobdi l-ordni tal-Qorti u mxiet biss mad-direzzjoni moghtija lilha mill-avukat taghha;

---

[12] App. Ċiv. 4.5.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Grech et noe vs Merċieca Ċianċio** (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.143

[13] 1207/2020 RGM, deċiża il-15 ta' Ġunju 2023

19. Illi r-rikorrenti tixtieq tinghata l-opportunit, sabiex tippartecipa bis-shih fìdawn il-proceduri, anke sabiex tissalvagwardja d-dritt taghha ghal smiegh xieraq;

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-esponenti ghandha raguni valida ghaliex hija ma pprezentatx risposta fit-terminu stabbilit, u li dan ma sarx bìmala fede;
2. Tiddikjara li r-rikorrenti mìhix kontumaci taccetta r-risposta u kontro-talba imressqin minnha fil-15 taì Mejju 2024 ,sabiex titkompla din il-kawza .

**Rat ir- Risposta ta' ABM datata 3 ta' Lulju 2024 ;**

**Jesponi reverentement ;**

1. Illi l-konvenuta intavolat il-petizzjoni taghha fid-19 ta' Gunju 2024 permezz ta' liema hija qiehdha titlob lil din l-Onorabbli Qorti taccetta l-gustifikazzjoni ghall-kontumacja u dan in ottempranza mad-digriet ta' din l-istess Onorabbli Qorti tal-11 ta' Gunju 2024;

2. Illi permezz tad-digriet tal-24 ta' Gunju 2024, l-esponenti inghata ghaxart ijiem cans ghar-risposta tal-istess;

3. Illi l-esponenti jissottometti s-segwenti:

1. Din l-Onorabbli Qorti ordnat illi r-rikors tal-esponenti ikun notifikat lill-intimata . Illi hija giet debitament notifikata fit-18 t'April 2024, kif jirrizulta ukoll mill-atti processwali. Illi l-konvenuta taccetta li hija giet debitament notifikata. Illi hija intavolat r-risposta taghha nhar il-15 ta' Mejju 2024, wara s-seduta tad-9 ta' Mejju 2024;

2. Illi ghalhekk jirrizulta illi t-terminu prefiss mill-ligi lahaq ghadda, u l-intimata rrendiet ruhha kontimaci f'dawn il-proceduri a termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta 'Malta. Illi kif tghid il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Vella proprio et noe vs John Vella**[14] l-konvenuta bin-nuqqas taghha wriet*"...kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut biccitazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' dis-ordni socjali."*

3. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk din kienet volontarja, u wisq anqas ma tista 'tigi gustifikata jekk kienet kolpuza ghaliex *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire.* Illi din il-mizura punittiva hija necessarja biex tassigura serjetà fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Illi l-unika purgazzjoni possibbli ghall-kontumacja hija l-gusta kawza, bhala impediment legittimu indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.[15]

4. Illi kif tghid il-Qorti fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd*** – Qorti ta 'l-Appell 28 ta 'Jannar 2005: "'*-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta '*

[14] A. K. 21 ta 'Mejju 1993
[15] ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo*** deciza mill-Qorti ta 'l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta 'Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding

*Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."*

5. Illi b'kull rispett, r-ragunijiet migjuba ghall-konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti huma ghal kollox fiergha u nieqsa minn kwalsasi gustifikazzjoni, ghaliex jekk xejn juru negligenza kolpuza da parti tal-konvenuta bl-omissjoni tal-konvenuta li tikkonforma mad-doveri imposti mil-ligi;

Illi kif johrog car mill-verbali tal-kawza odjerna, din l-Onorabbli Qorti bl-ebda mod ma prorogat it-terminu prefiss mill-ligi ghar-risposta tal-konvenuta. Jekk xejn din l-Onorabbli Qorti ffissat seduta ohra fejn amministrattivament kif jigri fin-normali amministrazzjoni tal-kawza giet indikata li l-kawza talliet "ghar- risposta" u dan minhabba li kif qalet il-Qorti t-terminu ghall-prezentata tar-risposta, kien ghadu ghaddej.

Ghalkemm il-gurisprudenza Maltija l-aktar ricenti ittendi xxaqleb lejn posizzjoni mhux rigida f'dak li jikkoncerna gustifikazzjoni ta 'kontumacja, ma jfissirx pero illi l-Qorti tista' tisorvella li n-nuqqas huwa rizultat ta ' traskuragni grossolana da parti tal-konvenuta jew a dirittura tal-konsulent legali taghha. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti bl-ebda mod ma estendiet it-terminu prefiss mill-ligi ghar-risposta. **Wisq anqas ma tista' l-konvenuta tipprova tbengel in-nuqqas u n-negligenza tahhha billi titfa' xihħtija fuq id-dicitura tal-verbal tal-Qorti u tghid li dan ma kienx wiehed car, bhal li kieku kienet din l-Onorabbli Qorti li ghamlet xi nuqqas!**

Certament din zgur ma tistax titqies bhala raguni gustifikata li tista' tissana u tippurga l-kontumacja bhal ma kienet gustifikabbli l-imgieba ta 'avukat

imqabbad tempestivament fil-kawzi citati mill-konvenuta fil-petizzjoni taghha.

Illi huwa ovju li l-klijent jigi ggwidat mill-avukat rigwardanti l-procedura. In fatti, l-konvenuta stess ghamlet kuntatt mal-avukat taghha fit-18 t'April 2024 kif muri fid-dokument minnha prezentat iktar u iktar meta fuq ir-rikors promotur hemm indikat kjarament fl-avviz illi hemm terminu ta' 20 jum ghar-risposta mill-ircevuta ta' dan ir-rikors. Tanto più, il-konvenuta intavolat ftit gimghat wara rikors ghall-manteniment. Kien ghalhekk xorta wahda jinkombi fuq il-konvenuta illi tara li tigi intavolata r-risposta entro t-terminu prefiss mill-ligi, kif anke indkat fl-avviz miktub b'Malti semplici.

Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Marco Grima vs Rita Grima***[16]***:***

> *"Illi ladarba hi kienet marret ghand avukat biex issolvi l-kwistjoni dwar il-manteniment daqstant iehor setghet marret ghand l-avukat taghha sabiex tirrispondi c-citazzjoni fiz-zmien stipulat mill-ligi."*

6. Illi jekk xejn l-Qrati taghna dejjem sostnew li l-kontumacja tfisser kontestazzjoni u ghalhekk l-ebda dritt tal-konvenuta m'hu qed jigi lez, ghaliex xorta jinkombi illi dejjem tigi provduta l-ahjar prova quddiem din l-Onorabbli Qorti;

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonata ghandha tigi michuda.**

---

[16] Kawża Numru 1135/2002 ***Marco Grima vs Rita Grima*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Gunju, 2003

**Salv kull provediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.**

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet tal-11 ta' Lulju 2024;

Rat l-Atti;

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-fatti quddiem din l-Onorabbli Qorti huma s-segwenti:

1. Illi l-attur intavola r-rikors guramentat tieghu fit-2 ta' April 2024;

2. Illi l-imsemmi rikors guramentat u l-avviz ta' smiegh ghall-ewwel dehra, gew debitamenti notifikati lill-konvenuta nhar it-18 ta' April 2024;

3. Illi mhux kontestat illi fuq ir-rikors promotur hemm car it-twissija ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kienet iffissata ghad-9 ta' Mejju 2024 fid-9am, ghal-liema seduta l-konvenuta u l-konsulent legali taghha entrambi attendew;

5. Illi fl-ewwel seduta, il-konvenuta giet notifikata b'rikors tal-attur ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti datat it-8 ta' Mejju 2024, u l-Qorti akkordat lill-istess konvenuta sas-seduta li kien imiss, u cioe` dik tal-11 ta' Gunju 2024 biex tintavola r-risposta taghha ghall-imsemmi rikors;

6. Illi bhala stat ta' fatt il-konvenuta pprezentat ir-risposta guramentata taghha u kontrotalba nhar il-15 ta' Mejju 2024;

7. Illi fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2024, jirrizulta li l-attur issolleva l-fatt li tali risposta guramentata giet prezentata tardivament u kien ghalhekk li l-konvenuta intavolat ir-rikors odjern biex tiggustifika l-kontumacja taghha;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-Artikolu 158 jipprovdi s-segwenti:

*158. (1) Il-konvenut* * għandu*[17] *jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*

[1717] Emfasi ta' din il-Qorti

*(…omissis…)*

*(13) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta.*

Illi fil-kaz odjern, il-konvenuta tittenta tiggustifika l-kontumacja taghha billi tghid li l-konsulent legali taghha interpretat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju 2024 bhala estensjoni fuq it-terminu moghti lill-klijenta taghha ghar-risposta guramentata;

Illi b'kull rispett dan l-argument ma jregix ghaliex huwa ben ovvju li l-Qorti akkordatilha sat-tieni seduta sabiex twiegeb ghar-rikors, datat 8 ta' Mejju 2024, li kienet giet notifikata bih seduta stante; u dan oltre l-fatt, li t-terminu ta' ghoxrin jum biex tigi intavolata r-risposta guramentata huwa wiehed tassattiv u dan del resto kif anke jirrizulta mit-test tal-ligi, senjatament l-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qrati taghna, f'diversi istanzi irritenew illi:

*"L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio ... ... In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha" ("***Giuseppi Caruana vs. Charles sive Charlie Psaila***", Appell, 21 ta' Marzu 1997).*[18]

**IKKUNSIDRAT ULTERJORMENT:**

Illi l-Artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-*

[18] Ara l-Appell 2/1999/9 fl-ismijiet **Paul M. Cassar u martu Carmela Cassar vs Victoria Tabone u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2000 gew kjamati fil-kawza Anton u Regina konjugi Vella** deciza fis-17 ta' Marzu 2003 mill-Onor. Imhallef P. Sciberras

*konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi*

Illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-kontumaċja illum hija waħda konkordi fis-sens li l-istitut tal-kontumaċja huwa mibni fuq il-pretest li n-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb fiż-żmien stabbilit mill-Liġi jammonta għal contumelia u dispett lejn is-sejħa tal-Qorti. Dan l-għemil jistħoqqlu piena billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali.[19]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2005, il-Qorti tal-Appell wara li għamlet referenza għal diversi deċizjonijiet relatati mal-isitut tal-kontumaċja qalet hekk:

"*Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq għal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumaċja u l-principji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet* ***Vittorio Cassar vs. Carmelo Vassallo*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin;*

[19] Ara f'dan is-sens id-deċizjoni fil-kawża fl-ismijiet **Vella pro et nomine vs Vella**, Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Kollezz. Vol. LXXVII-II-170.

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, għaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat għall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu għandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali".*

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mary Sutch vs. Felice Cini** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-8 ta' Frar, 1936:

*"Illi huwa cert illi l-konvenut ta lil Dr. (Avukat) l-inkariku tad-difiza tieghu f'din il-kawza, u kwindi anki l-inkariku relativ ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet….Illi mill-parti ta' l-avukat kien hemm ommissjoni. Il-pont huwa jekk dik l-ommissjoni hix anki l-ommissjoni tal-mandant, fil-kaz tal-konvenut…..Illi, kif kien deciz kemm-il darba fil-gurisprudenza, il-kontumacja hija gustifikata meta tkun determinata minn impediment legittimu, u mhux minn att semplicement kolpuz ("**Farrugia vs. Grech**" –*

*App. Inf. 23 ta' Jannar 1926). Ghalkemm wiehed jista' jifhem illi fil-kors tax-xoghol ta' l-avukat bi klijentali numeruza, jista' jinghata mhux difficilment il-kaz ta' ommissjoni simili, ma jistax jinghad illi si tratta ta' impediment legittimu. L-ommissjoni kienet dejjem vincibbli, u kwindi kolpuza. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddefinixxi l-incident tal-kontumacja fis-sens illi tiddikjara li ma kienx hemm mill-parti tal-konvenut motiv legittimu li impedih li jipprezenta l-eccezzjonijiet fit-terminu, u kwindi tirrespingi t-talba tal-prezentata ta' l-eccezzjonijiet "fuori termine."*

Similarment, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju 1943 in re **Gaetano Mercieca vs**. **Michele Mifsud** il-Qorti qalet:

*"Illi gie kostantement deciz minn din il-Qorti illi l-kontumacja ma tkunx gustifikata meta hemm l-evidenti traskuragni jew negligenza ta' l-appellant jew tad-difensur tieghu, ghaliex il-kontumacja kolpuza ma hix skuzabbli" (Kollez. XXXI. P. I, sez. III, p. 740).*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs. Santino Gauci** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Marzu 1965:

*"Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju, 1937, fil-kawza fl-ismijiet* ***Vittorio Cassar v. Carmelo Vassallo*** *wara li elenkat diversi sentenzi relativi ghal din il-materja, stabbiliet il-principji li ghandhom jirregolawha……L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fid-decizjoni taghha dwar l-incident tal-kontumacja moghtija fil-15 ta' Novembru 1943 fil-kawza* ***Carlo Dimech vs Kaptan Ugo Sammut et*** *ceduta P.A. 13.3.1944,*

*ippronunzjat ruhha b'dan il-mod:"…..fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumacja gie kostantament ritenut minn din il-Qorti illi m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti jew tal-mandatarja taghha, ghax allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa", u f'dan il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghax "qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire"*[20]

Fid-dawl tal-fatti u tal-gurisprudenza kopjuza, din il-Qorti tqis li l-konvenuta ma gabet l-ebda prova ta' kawża ġusta li tista' tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment legittimu, jew żball invinċibbli li ma jammontax għal kolpa. Il-konvenuta ma seħħliex li tissana l-posizzjoni taghha billi jirrizulta li sal-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, fattwalment hija kienet diga' tinsab fi stat ta' kontumacja u ghalhekk lanqas ma jista' jregi l-argument li tittenta taghmel il-konvenuta li b'xi mod il-konsulent legali interpretat hazin il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2024 ghaliex it-terminu ta' ghoxrin jum li hija kellha sabiex tintavola r-risposta guramentata taghha mhux biss huwa wiehed tassattiv u ta' ordni pubbliku, izda fattwalment sal-ewwel seduta kien diga' skorra u skada.

F'dan is-sens issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-10 ta' Jannar, 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Nikita Sciortino vs Shaun Camilleri** fejn ingħad hekk:

*"L-oneru illi jipprezenta r-risposta tiegħu fil-hin sabiex jassigura li jkun jista' jressaq il-provi tiegħu quddiem il-Qorti f'din il-kawza kien jinkombi*

[20] Ara wkoll s-sentenzi tal-Qorti Appell Inferjuri tat-3 ta' Mejju 1943 in re **Mercieca vs, Mifsud**, tal-21 ta' Dicembru, 1942 in re **Zarb vs.Chircop**, tat-12 ta' Jannar 1942 in re **Grixti utrinque**."

*fuq il-konvenut, u galadarba l-konvenut naqas milli josserva t-terminu mpost mill-Liġi, jew għall-anqas iressaq provi sodisfacenti li hemm raġuni valida li jiggustifikaw il-kontumaċja tiegħu, imputet sibi."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors ta' DBM tad-19 ta' Gunju 2024 u konsegwentement tordna l-isfilz tar-risposta guramentata u l-kontrotalba intavolata minnha nhar il-15 ta' Mejju 2024.

**Bl-ispejjez a karigu tal-istess DBM .**

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**